MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 1006/2009

**Aquatess Marketing Limited**
**C-33435**

**vs**

**Marvic Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Dicembru 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro709.45c (seba' mija u disa' ewro u hamsa u erbghin centezmu) jew somma verjuri rapprezentanti prezz ta' merkanzija li l-konvenut ha illegalment mill-pussess tal-atturi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 7 ta' Ottubru 2008 u tal-ittra legali datata 26 ta' Novembru 2008 u bl-imghax ta 8% fuq l-ammont rikjest mis-7 ta' Ottubru 2008 sal-hlas effettiv inkluz Euro 23.30 konsult kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-22 ta Frar 2010 meta ntalab iwiegeb ghal Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom tieghu prezentat fid-29 ta Jannar 2010 u lanqas ghas-seduta ta' llum u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro709.45c (seba' mija u disa' ewro u hamsa u erbghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-7 ta Ottubru 2008 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza hekk kif rikjesti kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------